Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/2654(RSP)

4.6.2025

EMENDI
1 - 123

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Li Andersson
(PE772.196v01-00)

It-Tieni Summit Dinji għall-Iżvilupp Soċjali

Emenda 1
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (ICESCR),

Or. en

Emenda 2
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra Il-Pjan ta’ Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-miri ewlenin tal-2030 tiegħu,

Or. en

Emenda 3
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Garanzija Ewropea għat-Tfal,

Or. en

Emenda 4
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6b (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropea dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa,

Or. en

Emenda 5
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6c (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Persuni b’Diżabilità,

Or. en

Emenda 6
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti (NU),	– wara li kkunsidra l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), ***b’mod partikolari l-għanijiet 1, 2, 8 u 10,***

Or. en

Emenda 7
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet prinċipali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO),

Or. en

Emenda 8
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -A (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-A. billi l-iżvilupp sostenibbli huwa prinċipju ewlieni tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u objettiv prijoritarju għall-politiki interni u esterni tal-UE;

Or. en

Emenda 9
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -Aa (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-Aa. billi s-17-il Għan ta’ Żvilupp Sostenibbli (SDGs) jinsabu fil-qalba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata mill-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2015; billi jirrikonoxxu li l-qerda tal-faqar u ta’ deprivazzjonijiet oħra trid timxi id f’id ma’ strateġiji li jtejbu s-saħħa u l-edukazzjoni, inaqqsu l-inugwaljanza, u

jagħtu spinta lit-tkabbir ekonomiku, filwaqt li jindirizzaw it-tibdil fil-klima u jaħdmu biex jippreservaw l-ambjent;

Or. en

Emenda 10
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -Ab (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-Ab. billi l-impenn tal-UE favur l-Aġenda 2030 sarraf f'sett ta' politiki trasformattivi, inkluż fost l-oħrajn l-EPSR, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-liġi dwar il-klima, Strateġija Industrijali ġdida għall-Ewropa, l-Istrateġiji Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli, l-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet aġġornata jew iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni fost l-oħrajn;

Or. en

Emenda 11
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi ***madwar l-UE***, jippersistu inugwaljanzi sinifikanti bejn ***il-popli*** u r-reġjuni, filwaqt li l-inflazzjoni ***taffettwa*** b'mod sproporzjonat lill-unitajiet domestiċi ***li jonfqu relattivament aktar fuq l-elementi essenzjali, bħall-enerġija u l-ikel, u*** l-kriżi tal-akkomodazzjoni għadha sfida ***madwar l-UE***; billi dawn il-kwistjonijiet jaffettwaw b'mod negattiv ***il-koeżjoni soċjali*** u l-benesseri ***taċ-ċittadini tal-UE***	A. billi ***fl-UE kollha***, jippersistu inugwaljanzi sinifikanti bejn ***in-nies*** u r-reġjuni, filwaqt li l-inflazzjoni ***u ż-żieda fl-għoli tal-ħajja jaffettwaw*** b'mod sproporzjonat lill-unitajiet domestiċi ***vulnerabbli u b'introjtu baxx; billi*** l-kriżi tal-akkomodazzjoni għadha sfida ***fl-UE kollha***; billi dawn il-kwistjonijiet jaffettwaw b'mod negattiv ***l-istabbiltà ekonomika*** u l-benesseri ***soċjali tal-***

fit-tul;	***persuni li jgħixu fl-UE; billi ma hemm l-ebda ġbir ta' data dwar l-inugwaljanza fil-ġid fil-livell tal-UE iżda xi studji fis-settur finanzjarju jissuġġerixxu li fl-Ewropa l-aktar 10 % sinjuri fil-kontinent huma sidien ta' 67 % tal-ġid, filwaqt li n-nofs t'isfel tal-adulti għandhom biss 1.2 % minnu[1a]***;
	[1a] Global Wealth Report 2023 | Credit Suisse AG
	Or. en

Emenda 12
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi ***madwar l-UE***, jippersistu inugwaljanzi sinifikanti bejn ***il-popli*** u r-reġjuni, filwaqt li l-inflazzjoni taffettwa b'mod sproporzjonat lill-unitajiet domestiċi li jonfqu relattivament aktar fuq l-elementi essenzjali, bħall-enerġija u l-ikel, u l-kriżi tal-akkomodazzjoni għadha sfida ***madwar l-UE***; billi dawn il-kwistjonijiet jaffettwaw b'mod negattiv il-koeżjoni soċjali u l-benesseri taċ-ċittadini tal-UE fit-tul;	A. billi ***fl-2023, il-koeffiċjent Gini għall-UE27 kien 29.6 % jiġifieri mexa ftit 'l isfel mill-2014 filwaqt li wera 13-il Stat Membru ogħla minn din il-medja[1a]; billi fl-UE kollha***, jippersistu inugwaljanzi sinifikanti bejn ***in-nies*** u r-reġjuni***, b'mod partikolari inugwaljanzi għal dak li jikkonċerna l-introjtu u inugwaljanzi bejn il-ġeneri***, filwaqt li l-inflazzjoni taffettwa b'mod sproporzjonat lill-unitajiet domestiċi li jonfqu relattivament aktar fuq l-elementi essenzjali, bħall-enerġija u l-ikel, u l-kriżi tal-akkomodazzjoni għadha sfida ***sinifikanti fl-UE kollha***; billi dawn il-kwistjonijiet jaffettwaw b'mod negattiv il-koeżjoni soċjali***, il-konverġenza soċjali 'l fuq*** u l-benesseri taċ-ċittadini tal-UE fit-tul;
	[1a] https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Living_conditions_in_Europe_-_income_distribution_and_income_inequality

Or. en

Emenda 13
Katrin Langensiepen

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi ***madwar l-UE***, jippersistu inugwaljanzi sinifikanti bejn il-popli u r-reġjuni, filwaqt li l-inflazzjoni taffettwa b’mod sproporzjonat lill-unitajiet domestiċi li jonfqu relattivament aktar fuq l-elementi essenzjali, bħall-enerġija u l-ikel, u l-kriżi tal-akkomodazzjoni għadha sfida ***madwar l-UE***; billi dawn il-kwistjonijiet jaffettwaw b’mod negattiv il-koeżjoni soċjali u l-benesseri taċ-ċittadini tal-UE fit-tul;	A. billi ***fl-UE kollha***, jippersistu inugwaljanzi sinifikanti bejn il-popli u r-reġjuni, filwaqt li l-inflazzjoni taffettwa b’mod sproporzjonat lill-unitajiet domestiċi li jonfqu relattivament aktar fuq l-elementi essenzjali, bħall-enerġija u l-ikel, u l-kriżi tal-akkomodazzjoni għadha sfida ***fl-UE kollha***; billi dawn il-kwistjonijiet jaffettwaw b’mod negattiv il-koeżjoni soċjali u l-benesseri taċ-ċittadini tal-UE fit-tul; ***billi r-riċerka tal-Eurofound tikkonferma li n-nuqqas ta’ affordabbiltà tal-akkomodazzjoni qed iwassal għall-esklużjoni tal-akkomodazzjoni, l-insigurtà tal-akkomodazzjoni, spejjeż problematiċi tal-akkomodazzjoni, u l-inadegwatezza tal-akkomodazzjoni[1a];***
	[1a] https://www.eurofound.europa.eu/en/publications/2023/unaffordable-and-inadequate-housing-europe

Or. en

Emenda 14
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-UE ***adottat il-mira*** għall-2030 li ***jitnaqqas*** l-għadd ta’ persuni	B. billi l-UE ***impjenjat ruħha, fl-ambitu tal-Pjan ta’ Azzjoni tal-EPSR l-***

f’riskju ta’ faqar u esklużjoni soċjali b’mill-anqas 15-il miljun ***meta mqabbel mal-2019***, inklużi mill-anqas ħames miljun tifel u tifla; billi fi kważi nofs l-Istati Membri ***t-tendenza sejra fid-direzzjoni l-opposta***; billi tifel jew tifla minn kull ħamsa fl-UE għadhom f’riskju ta’ faqar u ta’ esklużjoni soċjali; billi jekk ix-xejra attwali tkompli, mhux se ***jkun possibbli li tintlaħaq il-mira*** għall-2030 ***għat-tnaqqis tal-għadd ta’ persuni f’riskju ta’ faqar u ta’ esklużjoni soċjali, u***, barra minn hekk, il-faqar enerġetiku qed jaffettwa aktar minn ***Ewropew*** wieħed minn kull għaxra;

mira għall-2030 li ***tnaqqas*** l-għadd ta’ persuni f’riskju ta’ faqar u esklużjoni soċjali b’mill-anqas 15-il miljun ***sal-2030***, inklużi mill-anqas ħames miljun tifel u tifla; billi fi kważi nofs l-Istati Membri***, id-data tindika treġġigħ lura tal-progress fit-tnaqqis tal-faqar***; billi tifel jew tifla minn kull ħamsa fl-UE għadhom f’riskju ta’ faqar u ta’ esklużjoni soċjali; billi jekk ix-xejra attwali tkompli, ***l-Unjoni*** mhux se ***tilħaq il-mira tagħha*** għall-2030***; billi***, barra minn hekk, il-faqar enerġetiku qed jaffettwa aktar minn wieħed minn kull għaxra ***Ewropew, u dan qed jaggrava l-inugwaljanza***;

Or. en

Emenda 15
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-UE adottat il-mira għall-2030 li jitnaqqas l-għadd ta’ persuni f’riskju ta’ faqar u esklużjoni soċjali b’mill-anqas 15-il miljun meta mqabbel mal-2019, inklużi mill-anqas ħames miljun tifel u tifla; billi fi kważi nofs l-Istati Membri t-tendenza sejra fid-direzzjoni l-opposta; billi tifel jew tifla minn kull ħamsa fl-UE għadhom f’riskju ta’ faqar u ta’ esklużjoni soċjali; billi jekk ix-xejra attwali tkompli, mhux se jkun possibbli li tintlaħaq il-mira għall-2030 għat-tnaqqis tal-għadd ta’ persuni f’riskju ta’ faqar u ta’ esklużjoni soċjali, u, barra minn hekk, il-faqar enerġetiku qed jaffettwa aktar minn Ewropew wieħed minn kull għaxra;	B. billi l-UE adottat il-mira għall-2030 li jitnaqqas l-għadd ta’ persuni f’riskju ta’ faqar u esklużjoni soċjali b’mill-anqas 15-il miljun meta mqabbel mal-2019, inklużi mill-anqas ħames miljun tifel u tifla; billi fi kważi nofs l-Istati Membri t-tendenza ***sfortunatament*** sejra fid-direzzjoni l-opposta; billi tifel jew tifla minn kull ħamsa fl-UE għadhom f’riskju ta’ faqar u ta’ esklużjoni soċjali; billi jekk ix-xejra attwali tkompli, mhux se jkun possibbli li tintlaħaq il-mira għall-2030 għat-tnaqqis tal-għadd ta’ persuni f’riskju ta’ faqar u ta’ esklużjoni soċjali, u, barra minn hekk, il-faqar enerġetiku qed jaffettwa aktar minn Ewropew wieħed minn kull għaxra;

Or. en

Emenda 16

Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi s-sitwazzjoni globalment hija saħansitra agħar, fejn kważi 700 miljun persuna jgħixu f’faqar estrem u 2,8 biljun persuna oħra jgħixu bejn il-linja tal-faqar estrem u l-istandard ta’ USD6.85 kuljum[1b]; billi sa 35 % tal-persuni li ħarġu mill-faqar reġgħu spiċċaw foqra f’dawn l-aħħar tliet deċennji;
	1b https://www.worldbank.org/en/publication/poverty-prosperity-and-planet

Or. en

Emenda 17
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi sar progress lejn il-kisba tal-mira tal-UE dwar l-impjiegi, jiġifieri li mill-anqas 78 % tal-persuni ta’ bejn l-20 u l-64 sena għandhom ikunu f’impjieg sal-2030; billi, skont it-tbassir ekonomiku tal-ħarifa 2025 tal-Kummissjoni, ir-rata ta’ impjieg tal-UE laħqet 75,3 %; billi f’żewġ terzi tal-Istati Membri, it-tkabbir fl-impjiegi fl-2023 kien fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira nazzjonali għall-2030; billi għad hemm madankollu sfidi sinifikanti, ***bħal*** rati għoljin ta’ qgħad f’xi Stati Membri, ***b’mod partikolari fost iż-żgħażagħ u l-persuni b’diżabbiltà***;	C. billi sar progress lejn il-kisba tal-mira tal-UE dwar l-impjiegi, jiġifieri li mill-anqas 78 % tal-persuni ta’ bejn l-20 u l-64 sena għandhom ikunu f’impjieg sal-2030; billi, skont it-tbassir ekonomiku tal-ħarifa 2025 tal-Kummissjoni, ir-rata ta’ impjieg tal-UE laħqet 75,3 %; billi f’żewġ terzi tal-Istati Membri, it-tkabbir fl-impjiegi fl-2023 kien fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira nazzjonali għall-2030; billi għad hemm madankollu sfidi sinifikanti, ***inklużi*** rati għoljin ta’ qgħad f’xi Stati Membri, ***segmentazzjoni persistenti tas-suq tax-xogħol, inċidenza għolja ta’ xogħol prekarju u mhux standard, u disparitajiet kontinwi fl-aċċess għal***

impjiegi ta' kwalità*; *billi 66.6 % tal-persuni qiegħda u 10.9 % tal-persuni impjegati kienu f'riskju ta' faqar fl-2024[2a];

[2a] https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Living_conditions_in_Europe_-_poverty_and_social_exclusion

Or. en

Emenda 18
Katrin Langensiepen

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi sar progress lejn il-kisba tal-mira tal-UE dwar l-impjiegi, jiġifieri li mill-anqas 78 % tal-persuni ta' bejn l-20 u l-64 sena għandhom ikunu f'impjieg sal-2030; billi, skont it-tbassir ekonomiku tal-ħarifa 2025 tal-Kummissjoni, ir-rata ta' impjieg tal-UE laħqet 75,3 %; billi f'żewġ terzi tal-Istati Membri, it-tkabbir fl-impjiegi fl-2023 kien fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira nazzjonali għall-2030; billi għad hemm madankollu sfidi sinifikanti, bħal rati għoljin ta' qgħad f'xi Stati Membri, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ u l-persuni b'diżabbiltà;	C. billi sar progress lejn il-kisba tal-mira tal-UE dwar l-impjiegi, jiġifieri li mill-anqas 78 % tal-persuni ta' bejn l-20 u l-64 sena għandhom ikunu f'impjieg sal-2030; billi, skont it-tbassir ekonomiku tal-ħarifa 2025 tal-Kummissjoni, ir-rata ta' impjieg tal-UE laħqet 75,3 %; billi f'żewġ terzi tal-Istati Membri, it-tkabbir fl-impjiegi fl-2023 kien fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira nazzjonali għall-2030; billi għad hemm madankollu sfidi sinifikanti, bħal rati għoljin ta' qgħad f'xi Stati Membri, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ u l-persuni b'diżabbiltà***, kif ukoll inugwaljanzi sinifikanti bejn is-setturi u r-reġjuni, u nuqqasijiet fil-protezzjoni soċjali, li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-koeżjoni soċjali u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej fit-tul***;

Or. en

Emenda 19
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi sar progress lejn il-kisba tal-mira tal-UE dwar l-impjiegi, jiġifieri li mill-anqas 78 % tal-persuni ta’ bejn l-20 u l-64 sena għandhom ikunu f’impjieg sal-2030; billi, skont it-tbassir ekonomiku tal-ħarifa 2025 tal-Kummissjoni, ir-rata ta’ impjieg tal-UE laħqet 75,3 %; billi f’żewġ terzi tal-Istati Membri, it-tkabbir fl-impjiegi fl-2023 kien fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira nazzjonali għall-2030; billi għad hemm madankollu sfidi sinifikanti, ***bħal*** rati għoljin ta’ qgħad f’xi Stati Membri, b’mod partikolari fost iż-żgħażagħ u l-persuni b’diżabbiltà;	C. billi sar progress lejn il-kisba tal-mira tal-UE dwar l-impjiegi, jiġifieri li mill-anqas 78 % tal-persuni ta’ bejn l-20 u l-64 sena għandhom ikunu f’impjieg sal-2030; billi, skont it-tbassir ekonomiku tal-ħarifa 2025 tal-Kummissjoni, ir-rata ta’ impjieg tal-UE laħqet 75,3 %; billi f’żewġ terzi tal-Istati Membri, it-tkabbir fl-impjiegi fl-2023 kien fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira nazzjonali għall-2030; billi għad hemm madankollu sfidi sinifikanti, ***bħad-distakk tal-impjiegi bejn il-ġeneri u*** rati għoljin ta’ qgħad f’xi Stati Membri, b’mod partikolari fost iż-żgħażagħ u l-persuni b’diżabbiltà;

Or. en

Emenda 20
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-progress insuffiċjenti fil-ħiliet bażiċi qed jiżdied (qari, matematika u xjenza) u l-mira fil-livell tal-UE għall-2030 għal sehem ta’ progress insuffiċjenti ta’ anqas minn 15 % għadha ma ntlaħqitx għall-futur prevedibbli; billi n-nuqqas ta’ progress huwa prevalenti fost l-istudenti żvantaġġjati, u dan juri tkabbir fl-inugwaljanzi fir-rigward tal-edukazzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 21
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij,

Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi n-nuqqas ta’ kisbiet fil-ħiliet bażiċi bħall-qari, il-matematika u x-xjenza qed jiżdied fl-UE, b’mod partikolari fost l-istudenti żvantaġġati; billi din l-inugwaljanza fl-edukazzjoni timmina l-aċċess ugwali għal edukazzjoni ulterjuri, opportunitajiet ta’ taħriġ, u impjiegi ta’ kwalità, u tikkontribwixxi għall-kontinwazzjoni tal-esklużjoni soċjali u mis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 22
Mélanie Disdier, Marie Dauchy, Nikola Bartůšek
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Séverine Werbrouck

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. Jisħaq, madankollu, fir-rigward tal-qafas tal-iskola, li t-tnaqqis fl-għarfien bażiku huwa mifrux f'ħafna Stati Membri u li jikkonċerna mhux biss nies li huma żvantaġġjati;

Or. fr

Emenda 23
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-isfidi demografiċi, inklużi t-tixjiħ tal-popolazzjoni, ir-rati baxxi tat-twelid u d-depopolazzjoni rurali, fejn iż-żgħażagħ b'mod partikolari qed imorru jgħixu fiż-żoni urbani, jaffettwaw b'mod profond il-vitalità ekonomika u l-attraenza tar-reġjuni tal-UE, is-swieq tax-xogħol u, konsegwentement, is-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, u jkomplu jaggravaw id-disparitajiet reġjonali fl-UE, u għalhekk jirrappreżentaw sfida strutturali għall-ekonomija tal-UE,	***imħassar***

Or. en

Emenda 24
Pál Szekeres

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-isfidi demografiċi, inklużi t-tixjiħ tal-popolazzjoni, ir-rati baxxi tat-twelid u d-depopolazzjoni rurali, fejn iż-żgħażagħ b'mod partikolari qed imorru jgħixu fiż-żoni urbani, jaffettwaw b'mod profond il-vitalità ekonomika u l-attraenza tar-reġjuni tal-UE, is-swieq tax-xogħol u, konsegwentement, is-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, u jkomplu jaggravaw id-disparitajiet reġjonali fl-UE, u għalhekk jirrappreżentaw sfida strutturali għall-ekonomija tal-UE,	F. billi ***minħabba*** l-isfidi demografiċi, inklużi t-tixjiħ tal-popolazzjoni, ir-rati baxxi tat-twelid u d-depopolazzjoni rurali, fejn iż-żgħażagħ b'mod partikolari qed imorru jgħixu fiż-żoni urbani, ***it-tkabbir ta' produttività baqa' lura b'mod konsistenti meta mqabbel mal-Istati Uniti u dawn l-isfidi*** jaffettwaw b'mod profond il-vitalità ekonomika u l-attraenza tar-reġjuni tal-UE, is-swieq tax-xogħol u, konsegwentement, is-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, u jkomplu jaggravaw id-disparitajiet reġjonali fl-UE, u għalhekk jirrappreżentaw sfida strutturali għall-ekonomija tal-UE,

Or. en

Emenda 25
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-isfidi demografiċi, inklużi t-tixjiħ tal-popolazzjoni, ir-rati baxxi tat-twelid u d-depopolazzjoni rurali, fejn iż-żgħażagħ b’mod partikolari qed imorru jgħixu fiż-żoni urbani, jaffettwaw b’mod profond il-vitalità ekonomika u l-attraenza tar-reġjuni tal-UE, is-swieq tax-xogħol u, konsegwentement, is-sostenibbiltà tas-sistemi ta’ protezzjoni soċjali, u jkomplu jaggravaw id-disparitajiet reġjonali fl-UE, u għalhekk jirrappreżentaw sfida strutturali għall-ekonomija tal-UE,	F. billi l-isfidi demografiċi, inklużi t-tixjiħ tal-popolazzjoni, ir-rati baxxi tat-twelid u d-depopolazzjoni rurali, fejn iż-żgħażagħ b’mod partikolari qed imorru jgħixu fiż-żoni urbani, jaffettwaw b’mod profond il-vitalità ekonomika u l-attraenza tar-reġjuni tal-UE, is-swieq tax-xogħol***, l-infrastruttura pubblika*** u, konsegwentement, is-sostenibbiltà tas-sistemi ta’ protezzjoni soċjali, u jkomplu jaggravaw id-disparitajiet reġjonali fl-UE, u għalhekk jirrappreżentaw sfida strutturali għall-ekonomija tal-UE,

Or. en

Emenda 26
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-isfidi demografiċi, b’mod partikolari t-tixjiħ tal-popolazzjoni, ir-rati baxxi tat-twelid u d-depopolazzjoni rurali, jekk ma jiġux ikkontrollati, jistgħu jaggravaw l-inugwaljanzi ekonomiċi u jagħmlu ħsara lill-progress soċjali; billi n-nuqqas ta’ aċċess pubbliku universali għall-indukrar tat-tfal (0–3 sena) u għall-edukazzjoni terzjarja, allowances għat-tfal insuffiċjenti jew ineżistenti u liv tal-ġenituri mħallas insuffiċjenti, huma l-kawżi sottostanti tar-rati baxxi tat-twelid; billi l-integrazzjoni tal-migranti fis-suq tax-xogħol tista’ ttejjeb in-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 27
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet – xprunat mit-tibdil demografiku, mid-domanda għal ħiliet ġodda***, u minn kundizzjonijiet*** tax-xogħol ħżiena ***f'ċerti setturi – qed jiżdied madwar l-UE***;	G. billi n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet ***huwa*** xprunat mit-tibdil demografiku ***u mit-tranżizzjonijiet***, mid-domanda għal ħiliet ġodda ***u impjiegi ta' kwalità, b'pagi ogħla u stabbiltà tal-impjiegi, kif ukoll mill-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-swieq tax-xogħol; billi l-kundizzjonijiet*** tax-xogħol ħżiena ***qed jiżdiedu fl-UE kollha u jillimitaw direttament il-kapaċità tal-UE li tattira u żżomm it-talent, kemm minn pajjiżi terzi kif ukoll fi ħdan l-Unjoni***;

Or. en

Emenda 28
Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Rachel Blom
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Séverine Werbrouck

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi n-nuqqas ta' ħaddiema ***u ħiliet*** – xprunat ***mit-tibdil demografiku, mid-domanda*** għal ħiliet ġodda***, u minn kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena*** f'ċerti setturi – qed jiżdied madwar l-UE;	G. billi n-nuqqas ta' ħaddiema ***b'ħiliet*** – xprunat ***mit-tnaqqis bla preċedent fir-rata tat-twelid fl-Istati Membri kollha, l-espatrijazzjoni li qed tikber ta' ħaddiema żgħażagħ Ewropej b'ħiliet u d-domanda*** għal ħiliet ġodda f'ċerti setturi – qed jiżdied madwar l-UE;

Or. fr

Emenda 29
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi n-nuqqas ta’ ħaddiema u ħiliet – xprunat mit-tibdil demografiku, mid-domanda għal ħiliet ġodda, u minn kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena f’ċerti setturi – qed jiżdied ***madwar l-UE***;	G. billi n-nuqqas ta’ ħaddiema u ħiliet – xprunat mit-tibdil demografiku, mid-domanda għal ħiliet ġodda ***għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali***, u minn kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena ***u spariġġ fil-ħiliet*** f’ċerti setturi – qed jiżdied ***fl-UE kollha***;

Or. en

Emenda 30
Pál Szekeres

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi n-nuqqas ta’ ħaddiema u ħiliet – xprunat mit-tibdil demografiku, mid-domanda għal ħiliet ġodda, u minn kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena f’ċerti setturi – qed jiżdied madwar l-UE;	G. billi n-nuqqas ta’ ħaddiema u ħiliet – xprunat mit-tibdil demografiku, mid-domanda għal ħiliet ġodda, u minn kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena ***u min-nuqqas ta’ investimenti fir-robotika*** f’ċerti setturi – qed jiżdied madwar l-UE;

Or. en

Emenda 31
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi r-rapport tal-Eurofound tal-2024 juri li r-rati ta’ suwiċidju qed

jiżdiedu mill-2021, wara għexieren ta' snin ta' tnaqqis; billi jeħtieġ li jsir aktar biex jiġu indirizzati l-kawżi ta' disturbi tas-saħħa mentali fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien[4a];

[4a] Eurofound (2025, il-pubblikazzjoni li jmiss), Mental health in the European Union and Norway: risk groups, trends, services and policies (Is-saħħa mentali fl-Unjoni Ewropea u n-Norveġja: gruppi ta' riskju, xejriet, servizzi u politiki)

Or. en

Emenda 32
Katrin Langensiepen

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi l-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali jinkludu diversi tipi ta' entitajiet privati, indipendenti mill-awtoritajiet pubbliċi, bħala kooperattivi, soċjetajiet ta' benefiċċju reċiproku, assoċjazzjonijiet (inklużi organizzazzjonijiet tal-karità), fondazzjonijiet, (inklużi intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol u forom legali oħra skont kull Stat Membru tal-UE); jinnota li din id-diversità ta' intrapriżi u organizzazzjonijiet, li joperaw fl-oqsma kollha ta' attività, jikkondividu identità b'saħħitha bbażata fuq valuri u karatteristiċi kondiviżi bħall-primazija tal-individwi u l-iskop soċjali fuq il-kapital, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, ir-responsabbiltà lokali u reġjonali, is-sensittività għall-isfidi klimatiċi u ambjentali, l-inklużjoni u l-governanza demokratika u l-investiment mill-ġdid, b'hekk id-distribuzzjoni limitata tal-profitti u l-assi fost il-membri jew l-azzjonisti, tal-biċċa l-kbira tal-profitti biex

jintlaħqu l-objettivi tal-iżvilupp sostenibbli tal-intrapriża jew l-organizzazzjoni, jew fl-interess kollettiv u ġenerali;

Or. en

Emenda 33
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi fl-isfond ta' tnaqqis bil-mod ħafna fid-differenza bejn il-pagi tal-ġeneri, ir-riċerka tal-Eurofound turi li ħafna Stati Membri sal-lum ma implimentaw l-ebda miżura ta' trasparenza fil-pagi, u l-biċċa l-kbira tal-istrumenti nazzjonali attwalment[3b] fis-seħħ għadha ma tqisx ix-xogħol ta' valur ugwali[3a];
	[3a] Ir-riċerka li jmiss tal-Eurofound għall-2025, Further experiences with pay transparency (Aktar esperjenzi fil-qasam tat-trasparenza fil-pagi)
	[3b] Eurofound (2021), Gender pay transparency: Advancing the cause through a truly European proposal (It-trasparenza fil-pagi bejn il-ġeneri: il-promozzjoni tal-kawża permezz ta' proposta verament Ewropea), Artikolu, 18 ta' Ġunju 2021

Or. en

Emenda 34
Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Nikola Bartůšek
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Séverine Werbrouck

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa H

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol ġusta toffri opportunitajiet għall-kumpaniji u għall-ħaddiema u għandha tiġi promossa fl-UE kif ukoll fost il-ħaddiema minn pajjiżi terzi, filwaqt li tiżgura r-rispett għad-drittijiet tax-xogħol u dawk soċjali u l-infurzar tagħhom, permezz ta' perkorsi ta' migrazzjoni legali;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 35
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol ġusta toffri opportunitajiet għall-kumpaniji u għall-ħaddiema u għandha tiġi promossa fl-UE kif ukoll fost il-ħaddiema minn pajjiżi terzi, filwaqt li ***tiżgura r-rispett*** għad-drittijiet tax-xogħol u ***dawk*** soċjali u l-infurzar tagħhom, permezz ta' perkorsi ta' migrazzjoni legali;	H. billi l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol ġusta toffri opportunitajiet għall-kumpaniji u għall-ħaddiema u għandha tiġi promossa fl-UE kif ukoll fost il-ħaddiema minn pajjiżi terzi, filwaqt li ***jiġi żgurat ir-rispett*** għad-drittijiet tax-xogħol u soċjali u l-infurzar tagħhom, permezz ta' perkorsi ta' migrazzjoni legali***, kif ukoll it-trattament ugwali u n-nondiskriminazzjoni, inkluż fir-rigward tal-portabbiltà tal-benefiċċji tal-impjiegi miksuba fis-suq uniku***;

Or. en

Emenda 36
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol ***ġusta*** toffri opportunitajiet għall-kumpaniji u għall-ħaddiema u għandha tiġi promossa fl-UE kif ukoll fost il-ħaddiema minn pajjiżi terzi, filwaqt li ***tiżgura r-rispett*** għad-drittijiet tax-xogħol u dawk soċjali u l-infurzar tagħhom, permezz ta' perkorsi ta' migrazzjoni legali;	H. billi l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol ***hija minquxa fit-Trattati u*** toffri opportunitajiet għall-kumpaniji u għall-ħaddiema u għandha tiġi promossa fl-UE kif ukoll fost il-ħaddiema minn pajjiżi terzi, filwaqt li ***jiġi żgurat ir-rispett sħiħ*** għad-drittijiet tax-xogħol u dawk soċjali u l-infurzar tagħhom, ***inkluż għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi*** permezz ta' perkorsi ta' migrazzjoni legali ***u l-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat***;

Or. en

Emenda 37
Katrin Langensiepen

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi skont ir-riċerka tal-Eurofound, id-demokrazija industrijali hija korrelatata mill-qrib mal-kwalità tax-xogħol u l-impjiegiu l-kompetittività industrijali u l-indiċijiet aġġornati relatati mad-demokrazija industrijali u r-relazzjonijiet industrijali juru stampa polarizzata, bi gruppi żgħar ta' Stati Membri li għandhom prestazzjoni għolja ħafna jew baxxa ħafna u nstabet xejra ta' diverġenza żgħira 'l fuq fir-rigward tad-demokrazija industrijali bejn l-2008 u l-2021[4a];

4a

https://www.eurofound.europa.eu/en/publications/2023/measuring-key-dimensions-industrial-relations-and-industrial-democracy#:~:text=Executive%20summary,quality%20of%20work%20and%20employment

Or. en

Emenda 38
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi fil-kuntest tal-missjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol li trawwem il-ġustizzja soċjali, il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali tagħha fuq il-post tax-xogħol jiffokaw li jiżguraw ambjent tax-xogħol ġust u deċenti għal kulħadd, inklużi l-libertà ta’ assoċjazzjoni u d-dritt għal negozjar kollettiv, l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta’ xogħol furzat jew obbligatorju, l-abolizzjoni effettiva tat-tħaddim tat-tfal, l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fl-impjieg u fix-xogħol, u d-dritt għal ambjent tax-xogħol sikur u san; billi ***mhux l-Istati*** Membri ***kollha tal-UE qed jikkonformaw ma***’ dawn l-obbligi;	I. ***billi l-istruttura tripartitika tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u n-numru kbir ta’ membri jagħmluha mexxejja fl-istandards internazzjonali tax-xogħol;*** billi fil-kuntest tal-missjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol li trawwem il-ġustizzja soċjali, il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali tagħha fuq il-post tax-xogħol jiffokaw li jiżguraw ambjent tax-xogħol ġust u deċenti għal kulħadd, inklużi l-libertà ta’ assoċjazzjoni u d-dritt għal negozjar kollettiv, l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta’ xogħol furzat jew obbligatorju, l-abolizzjoni effettiva tat-tħaddim tat-tfal, l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fl-impjieg u fix-xogħol, u d-dritt għal ambjent tax-xogħol sikur u san; billi ***xi Stati*** Membri ***jiffaċċjaw sfidi fl-implimentazzjoni u l-infurzar ta***’ dawn l-obbligi;

Or. en

Emenda 39
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom rwol ċentrali fl-iżgurar ta’ kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u fil-promozzjoni tal-ġustizzja soċjali u l-ugwaljanza;

Or. en

Emenda 40
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi fil-kuntest tal-UE, dawk id-drittijiet huma protetti mit-trattati tal-UE, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-acquis tal-liġi tax-xogħol tal-UE;

Or. en

Emenda 41
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom isaħħu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), f'konformità ***mal-pjan ta' azzjoni ta' Marzu 2021 u*** mad-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe, biex jintlaħqu l-miri ewlenin għall-2030;	1. Iqis li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom isaħħu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe ***u permezz ta' aġġornament ambizzjuż għall-Pjan ta' Azzjoni***, ***b'azzjonijiet u proposti konkreti biex tiġi avvanzata l-konverġenza soċjali, b'mod partikolari*** biex jintlaħqu l-miri ewlenin għall-2030; ***jistieden lill-Kummissjoni, fl-ambitu tal-Pjan ta' Azzjoni aġġornat, tivvaluta l-miri attwali bil-ħsieb li tiżgura r-rilevanza kontinwa tagħhom fil-kuntest soċjali u tax-xogħol attwali u taġġornahom jew iżżid magħhom fejn meħtieġ;***

Or. en

Emenda 42
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-Kummissjoni u ***l-Kunsill*** għandhom isaħħu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), f’konformità mal-pjan ta’ azzjoni ta’ Marzu 2021 u mad-Dikjarazzjoni ta’ La Hulpe, biex jintlaħqu l-miri ewlenin għall-2030;	1. Iqis li l-Kummissjoni u ***l-Istati Membri*** għandhom isaħħu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), f’konformità ***mar-Regolament (UE) 2024/1263,*** mal-pjan ta’ azzjoni ta’ Marzu 2021 u mad-Dikjarazzjoni ta’ La Hulpe, biex jintlaħqu l-miri ewlenin għall-2030; ***jistieden lill-Kummissjoni tressaq pjan ta’ azzjoni ġdid li jinkludi miri ewlenin ġodda kif ukoll inizjattivi leġiżlattivi għall-implimentazzjoni sħiħa tal-EPSR;***

Or. en

Emenda 43
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea tbiegħdet mill-impenn tagħha favur il-progress soċjali u l-kisba tal-SDGs u qed tiffavorixxi aġenda ta’ kompetittività, simplifikazzjoni u deregolamentazzjoni li jqisux l-impenji soċjali u ekoloġiċi, u jfakkar li r-reżiljenza soċjali u ekonomika, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, huma fost l-objettivi komuni tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 44
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Ifakkar li l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-għanijiet relatati jirrikonoxxu li l-qerda tal-faqar fil-forom u d-dimensjonijiet kollha tiegħu, inkluż il-faqar estrem, hija l-akbar sfida globali u rekwiżit indispensabbli għall-iżvilupp sostenibbli u li ħadd ma għandu jitħalla jibqa’ lura u li dawk l-aktar fil-bżonn għandhom jintlaħqu l-ewwel;

Or. en

Emenda 45
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jesprimi t-tħassib tiegħu li l-SDGs ma ssemmewx b’mod espliċitu fil-Linji Gwida Politiċi tal-President attwali tal-Kummissjoni Ewropea u jilqa’ l-fatt li l-missjoni tispeċifika li kull Membru tal-kulleġġ se jiżgura t-twettiq tal-miri u l-objettivi tal-UE, kif ukoll tal-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti fi ħdan l-oqsma ta’ politika tagħhom;

Or. en

Emenda 46
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 1c (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1c. Jiddispjaċih dwar id-dewmien ġenerali fil-progress tal-SDGs fl-UE kollha, hekk kif il-pass tal-progress tal-SDGs matul il-perjodu 2020-2023 kien aktar minn darbtejn aktar baxx (+ 0.8 punti) mill-perjodu 2016-2019 (+ 1.9 punti);

Or. en

Emenda 47
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1d (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1d. Jenfasizza li l-SDGs huma fil-biċċa l-kbira aġenda ta' investiment l-aktar fil-kapital uman (l-edukazzjoni, is-saħħa, il-protezzjoni soċjali, oħrajn) u fl-infrastruttura fiżika (l-enerġija rinnovabbli u l-grilji, l-aċċess għat-teknoloġija, oħrajn); jinsab imħasseb li l-fondi Ewropej se jkunu ddedikati għad-difiża u l-kompetittività għad-detriment tal-aġenda tal-iżvilupp soċjali;

Or. en

Emenda 48
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1e (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1e. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-

Istati Membri jikkooperaw mal-Parlament Ewropew fl-iżvilupp ta' Patt Soċjali Ewropew ġdid għall-Futur b'impenji u investimenti ċari fl-oqsma li ġejjin: It-tnaqqis tar-Riskju tal-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali tal-Ewropej, u l-kisba ta' emissjonijiet żero netti fl-UE sal-2050;

Or. en

Emenda 49
Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Nikola Bartůšek, Rachel Blom
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Séverine Werbrouck

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jirrikonoxxi r-rilevanza u l-importanza kontinwi – u n-natura interrelatata – tat-tliet temi ewlenin tas-Summit Dinji għall-Iżvilupp Soċjali tal-1995 f'Copenħagen, meqjusa bħala t-tliet pilastri tal-iżvilupp soċjali, jiġifieri l-qerda tal-faqar, l-impjieg sħiħ u produttiv u x-xogħol deċenti għal kulħadd, u l-inklużjoni soċjali;	2. Jirrikonoxxi r-rilevanza u l-importanza kontinwi – u n-natura interrelatata – tat-tliet temi ewlenin tas-Summit Dinji għall-Iżvilupp Soċjali tal-1995 f'Copenħagen, meqjusa bħala t-tliet pilastri tal-iżvilupp soċjali, jiġifieri l-qerda tal-faqar, l-impjieg sħiħ u produttiv u x-xogħol deċenti għal kulħadd, u l-inklużjoni soċjali***, iżda jisħaq li dawn ma jridux jintużaw kontra l-Istati Membri bl-għan dirett jew indirett li jippromwovu l-immigrazzjoni minn pajjiżi terzi***;

Or. fr

Emenda 50
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jirrikonoxxi r-rilevanza u l-importanza kontinwi – u n-natura interrelatata – tat-tliet temi ewlenin tas-	2. Jirrikonoxxi r-rilevanza u l-importanza kontinwi – u n-natura interrelatata ***u sinerġika*** – tat-tliet temi

Summit Dinji għall-Iżvilupp Soċjali tal-1995 f'Copenħagen, meqjusa bħala t-tliet pilastri tal-iżvilupp soċjali, jiġifieri l-qerda tal-faqar, l-impjieg sħiħ u produttiv u x-xogħol deċenti għal kulħadd, u l-inklużjoni soċjali;	ewlenin tas-Summit Dinji għall-Iżvilupp Soċjali tal-1995 f'Copenħagen, meqjusa bħala t-tliet pilastri tal-iżvilupp soċjali, jiġifieri l-qerda tal-faqar, l-impjieg sħiħ u produttiv u x-xogħol deċenti għal kulħadd, u l-inklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 51
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Iheġġeġ lill-Istati Membri tan-NU jappoġġjaw u jippromwovu r-rwol tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-territorji tagħhom u jiżguraw l-inklużjoni sinifikanti tagħhom fit-tħejjija u s-segwitu tas-Summit; jenfasizza li l-involviment qawwi ta' diversi partijiet ikkonċernati fit-tfassil tal-politika u n-negozjar kollettiv effettiv jistgħu jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-progress lejn l-objettivi tal-iżvilupp soċjali;

Or. en

Emenda 52
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jisħaq li, fid-dawl tal-kriżijiet dwar il-klima u dwar il-bijodiversità u l-isfidi ekonomiċi u demografiċi, l-ebda ġenerazzjoni jew reġjun fl-UE – kemm jekk jgħixu issa jew fil-futur – ma għandhom jitħallew lura; jappella li jiġu ppreżentati inizjattivi li jappoġġjaw kemm liż-żgħażagħ ***u*** kemm lill-anzjani, kif ukoll miżuri għal reġjuni li qed jiddepopolaw, bħal aċċess imtejjeb għall-infrastruttura, inklużi t-trasport, il-konnettività diġitali u l-akkomodazzjoni affordabbli, is-servizzi pubbliċi, il-kura tas-saħħa, il-kura u l-edukazzjoni, kif ukoll l-investiment f'opportunitajiet ta' impjiegi aħjar biex tiġi evitata d-depopolazzjoni;	10. Jisħaq li, fid-dawl tal-kriżijiet dwar il-klima u dwar il-bijodiversità u l-isfidi ekonomiċi u demografiċi, l-ebda ġenerazzjoni jew reġjun fl-UE – kemm jekk jgħixu issa jew fil-futur – ma għandhom jitħallew lura; jappella li jiġu ppreżentati inizjattivi li jappoġġjaw kemm liż-żgħażagħ***,*** kemm lill-anzjani ***u kemm lill-persuni b'diżabbiltajiet***, kif ukoll miżuri għal reġjuni li qed jiddepopolaw, bħal aċċess imtejjeb għall-infrastruttura, inklużi t-trasport, il-konnettività diġitali u l-akkomodazzjoni affordabbli, is-servizzi pubbliċi, il-kura tas-saħħa, il-kura u l-edukazzjoni, kif ukoll l-investiment f'opportunitajiet ta' impjiegi aħjar biex tiġi evitata d-depopolazzjoni;

Or. fr

Emenda 89
Chiara Gemma, Francesco Torselli, Elena Donazzan, Mariateresa Vivaldini

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jisħaq li, fid-dawl ***tal-kriżijiet dwar il-klima u dwar il-bijodiversità u l-isfidi*** ekonomiċi u demografiċi, l-ebda ġenerazzjoni jew reġjun fl-UE – kemm jekk jgħixu issa jew fil-futur – ma	10. Jisħaq li, fid-dawl ***tal-isfidi*** ekonomiċi u demografiċi, l-ebda ġenerazzjoni jew reġjun fl-UE – kemm jekk jgħixu issa jew fil-futur – ma għandhom jitħallew lura; jappella li jiġu

għandhom jitħallew lura; jappella li jiġu ppreżentati inizjattivi li jappoġġjaw kemm liż-żgħażagħ u kemm lill-anzjani, kif ukoll miżuri għal reġjuni li qed jiddepopolaw, bħal aċċess imtejjeb għall-infrastruttura, inklużi t-trasport, il-konnettività diġitali u l-akkomodazzjoni affordabbli, is-servizzi pubbliċi, il-kura tas-saħħa, il-kura u l-edukazzjoni, kif ukoll l-investiment f'opportunitajiet ta' impjiegi aħjar biex tiġi evitata d-depopolazzjoni;

ppreżentati inizjattivi li jappoġġjaw kemm liż-żgħażagħ u kemm lill-anzjani, kif ukoll miżuri għal reġjuni li qed jiddepopolaw, bħal aċċess imtejjeb għall-infrastruttura, inklużi t-trasport, il-konnettività diġitali u l-akkomodazzjoni affordabbli, is-servizzi pubbliċi, il-kura tas-saħħa, il-kura u l-edukazzjoni, kif ukoll l-investiment f'opportunitajiet ta' impjiegi aħjar biex tiġi evitata d-depopolazzjoni;

Or. en

Emenda 90
Marie Dauchy, Nikola Bartůšek
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Séverine Werbrouck

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Iħeġġeġ li t-tranżizzjonijiet ġusti tal-forza tax-xogħol u tal-intrapriżi fl-UE jiġu appoġġjati fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika; jinnota li, jekk jitfassal bir-reqqa permezz ta' djalogu soċjali robust, il-proċess ta' adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu jista' joħloq ekosistemi aktar robusti, impjiegi deċenti ġodda u intrapriżi sostenibbli, u soċjetajiet aktar inklużivi, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 91
Chiara Gemma, Francesco Torselli, Elena Donazzan, Mariateresa Vivaldini

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Iħeġġeġ li t-tranżizzjonijiet ġusti tal-forza tax-xogħol u tal-intrapriżi fl-UE jiġu appoġġjati fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika; jinnota li, jekk jitfassal bir-reqqa permezz ta' djalogu soċjali robust, il-proċess ta' adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu jista' joħloq ekosistemi aktar robusti, impjiegi deċenti ġodda u intrapriżi sostenibbli, u soċjetajiet aktar inklużivi, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;	***imħassar***

Or. en

Emenda 92
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Iħeġġeġ ***li t-tranżizzjonijiet ġusti tal-forza*** tax-xogħol ***u tal-intrapriżi fl-UE jiġu appoġġjati fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika***; jinnota li, ***jekk jitfassal bir-reqqa*** permezz ta' djalogu soċjali robust, ***il-proċess*** ta' adattament ***għat-tibdil*** fil-klima ***u l-mitigazzjoni tiegħu jista' joħloq*** ekosistemi ***aktar robusti***, impjiegi ***deċenti ġodda u intrapriżi*** sostenibbli***,*** u soċjetajiet aktar inklużivi, ***filwaqt*** li ħadd ***ma jitħalla*** jibqa' lura;	11. Iħeġġeġ ***lill-UE u lill-Istati Membri jiżguraw li t-tranżizzjoni ekoloġika tkun soċjalment ġusta, b'appoġġ speċifiku għall-ħaddiema, l-unitajiet domestiċi, ir-reġjuni u l-intrapriżi affettwati minn bidliet strutturali u domandi ġodda tas-suq*** tax-xogħol; jinnota li, ***meta jiġu ffurmati*** permezz ta' djalogu soċjali robust, ***l-istrateġiji*** ta' adattament ***u mitigazzjoni tat-tibdil*** fil-klima ***jistgħu jiġġeneraw*** ekosistemi ***ekonomiċi reżiljenti***, impjiegi ***ta' kwalità, mudelli ta' negozju*** sostenibbli u soċjetajiet aktar inklużivi, li ***ma jħallu lil*** ħadd jibqa' lura; ***jitlob l-istabbiliment urġenti ta' skemi ta' protezzjoni soċjali u investiment ekoloġiċi sabiex tiġi żgurata l-ġustizzja ambjentali u n-nies jiġu protetti mill-effetti tat-tibdil fil-klima;***

Or. en

Emenda 93
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Iħeġġeġ li t-tranżizzjonijiet ġusti tal-forza tax-xogħol u tal-intrapriżi fl-UE jiġu appoġġjati fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika; jinnota li, jekk jitfassal bir-reqqa permezz ta’ djalogu soċjali robust, il-proċess ta’ adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu jista’ joħloq ekosistemi aktar robusti, impjiegi deċenti ġodda u intrapriżi sostenibbli, u soċjetajiet aktar inklużivi, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa’ lura;	11. Iħeġġeġ li t-tranżizzjonijiet ġusti tal-forza tax-xogħol u tal-intrapriżi fl-UE jiġu appoġġjati fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika; jinnota li, jekk jitfassal bir-reqqa permezz ta’ djalogu soċjali robust, il-proċess ta’ adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu jista’ joħloq ekosistemi aktar robusti, impjiegi deċenti ġodda u intrapriżi sostenibbli, u soċjetajiet aktar inklużivi, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa’ lura; ***jistieden lill-Kummissjoni tipproponi direttiva dwar Tranżizzjoni Ġusta fid-Dinja tax-Xogħol biex tiżgura li dawn il-prinċipji jiġu salvagwardjati fil-livell tal-Unjoni;***

Or. en

Emenda 94
Pál Szekeres

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Iħeġġeġ li t-tranżizzjonijiet ġusti tal-forza tax-xogħol u tal-intrapriżi fl-UE jiġu appoġġjati fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika; jinnota li, jekk jitfassal bir-reqqa permezz ta’ djalogu soċjali robust, il-proċess ta’ adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu jista’ joħloq ekosistemi aktar robusti, impjiegi deċenti ġodda u intrapriżi sostenibbli, u soċjetajiet aktar inklużivi, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa’ lura;	11. Iħeġġeġ li t-tranżizzjonijiet ġusti tal-forza tax-xogħol u tal-intrapriżi fl-UE jiġu appoġġjati fit-tranżizzjoni ***raġonevoli*** lejn ekonomija ekoloġika; jinnota li, jekk jitfassal bir-reqqa permezz ta’ djalogu soċjali robust, il-proċess ta’ adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu jista’ joħloq ekosistemi aktar robusti, impjiegi deċenti ġodda u intrapriżi sostenibbli, u soċjetajiet aktar inklużivi, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa’ lura;

Or. en

Emenda 95
Katrin Langensiepen

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jenfasizza r-rwol li għandha l-ekonomija soċjali fil-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika; jinnota li ħafna organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali jiżviluppaw prattiki sostenibbli u ekoloġiċi u jgħinu lin-nies jadattaw u jikkontribwixxu għal ekonomija aktar ekoloġika;

Or. en

Emenda 96
Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Nikola Bartůšek
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Séverine Werbrouck

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jappella għal aktar appoġġ għaċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi biex jintegraw fis-suq tax-xogħol tal-UE u biex jużaw it-talenti tagħhom sal-potenzjal sħiħ tagħhom, b’kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin imsaħħa minn politika ta’ integrazzjoni effettiva, f’komplementarjetà sħiħa mal-isfruttar tat-talenti minn ġewwa l-UE;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 97

Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jappella għal aktar appoġġ għaċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi biex jintegraw fis-suq tax-xogħol tal-UE u biex jużaw it-talenti tagħhom sal-potenzjal sħiħ tagħhom, b’kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin imsaħħa minn politika ta’ integrazzjoni effettiva, f’komplementarjetà sħiħa mal-isfruttar tat-talenti minn ġewwa l-UE;	12. Jappella għal aktar appoġġ għaċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi biex jintegraw fis-suq tax-xogħol tal-UE u biex jużaw it-talenti tagħhom sal-potenzjal sħiħ tagħhom, b’kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin ***u li jiżguraw it-trattament ugwali,*** imsaħħa minn politika ta’ integrazzjoni effettiva, f’komplementarjetà sħiħa mal-isfruttar tat-talenti minn ġewwa l-UE; ***jappella għar-regolarizzazzjoni tal-migranti mingħajr dokumenti fl-UE sabiex tiġi żgurata t-triq għall-integrazzjoni soċjali u tal-impjiegi;***

Or. en

Emenda 98
Isabelle Le Callennec

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jappella għal ***aktar*** appoġġ għaċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi biex jintegraw fis-suq tax-xogħol tal-UE u biex jużaw it-talenti tagħhom sal-potenzjal sħiħ tagħhom, b’kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin imsaħħa minn politika ta’ integrazzjoni effettiva, f’komplementarjetà sħiħa mal-isfruttar tat-talenti minn ġewwa l-UE;	12. Jappella għal appoġġ għaċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi ***legalment preżenti fl-UE*** biex jintegraw fis-suq tax-xogħol tal-UE u biex jużaw it-talenti tagħhom sal-potenzjal sħiħ tagħhom, b’kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin imsaħħa minn politika ta’ integrazzjoni effettiva, f’komplementarjetà sħiħa mal-isfruttar tat-talenti minn ġewwa l-UE;

Or. fr

Emenda 99
Katrin Langensiepen

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jappella għal aktar appoġġ għaċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi biex jintegraw fis-suq tax-xogħol tal-UE u biex jużaw it-talenti tagħhom sal-potenzjal sħiħ tagħhom, ***b’kundizzjonijiet*** tax-xogħol ***tajbin*** imsaħħa minn politika ta’ integrazzjoni effettiva, f’komplementarjetà sħiħa mal-isfruttar tat-talenti minn ġewwa l-UE;	12. Jappella għal aktar appoġġ għaċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi biex jintegraw fis-suq tax-xogħol tal-UE u biex jużaw it-talenti tagħhom sal-potenzjal sħiħ tagħhom, ***b’impjiegi ta’ kwalità għolja u kundizzjonijiet*** tax-xogħol imsaħħa minn politika ta’ integrazzjoni effettiva, f’komplementarjetà sħiħa mal-isfruttar tat-talenti minn ġewwa l-UE;

Or. en

Emenda 100
Katrin Langensiepen

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għal monitoraġġ mill-qrib tal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, kif ukoll appoġġ adegwat għall-introjtu u d-dispożizzjoni tas-sigurtà soċjali biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali ta’ dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, b’mod partikolari ***l-persuni*** b’diżabbiltjiet ***u ta’ oriġini Romani***;	13. Jappella għal monitoraġġ mill-qrib tal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, kif ukoll appoġġ adegwat għall-introjtu u d-dispożizzjoni tas-sigurtà soċjali biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali ta’ dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, b’mod partikolari ***n-nisa, il-persuni*** b’diżabbiltjiet***, il-ħaddiema migranti, in-nies li jagħmlu parti mill-komunità LGBTIQ+, żgħażagħ li qed jidħlu fis-suq tax-xogħol, u r-Roma; Persuni, fost l-oħrajn li jista’ jkollhom bżonn appoġġ addizzjonali; Ifakkar, f’dan il-kuntest, fl-appell tal-Parlament għal Direttiva dwar l-Introjtu Minimu[1a] biex jissaħħu aktar l-aċċessibbiltà, l-adegwatezza u l-effettività tal-MISs (skemi ta’ introjtu minimu), biex tiġi promossa l-konverġenza soċjali ’l fuq***; ***ifakkar li l-MISs għandhom jipproteġu lin-nies li ma għandhomx biżżejjed riżorsi mill-esperjenza tal-faqar u l-esklużjoni soċjali;***

1a

https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0076_MT.html

Or. en

Emenda 101
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għal monitoraġġ mill-qrib tal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, kif ukoll appoġġ adegwat għall-introjtu u ***d-dispożizzjoni tas-sigurtà*** soċjali biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali ta' dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol***, b'mod partikolari l-persuni b'diżabbiltjiet u ta' oriġini Romani***;	13. Jappella għal monitoraġġ mill-qrib tal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol ***inkluż l-aċċess ugwali għal impjiegi ta' kwalità***, kif ukoll appoġġ adegwat għall-introjtu u ***provvista ta' sigurtà*** soċjali biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali ta' ***gruppi vulnerabbli u*** dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol***; jiġbed l-attenzjoni f'dan ir-rigward għall-importanza li jiġi stabbilit qafas vinkolanti tal-UE għal skemi ta' introjtu minimu adegwat, kif mitlub mir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew, sabiex tiġi ggarantita s-sigurtà tal-introjtu, jitnaqqas il-faqar, u tiġi appoġġjata l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol***;

Or. en

Emenda 102
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għal monitoraġġ mill-qrib tal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, kif ukoll appoġġ adegwat għall-introjtu ***u d-***	13. Jappella għal monitoraġġ mill-qrib tal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, kif ukoll appoġġ adegwat għall-introjtu

dispożizzjoni tas-sigurtà soċjali biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali ta' dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari l-persuni b'diżabbiltjiet ***u ta' oriġini Romani***;	***minimu u l-provvsita universali*** tas-sigurtà soċjali biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali ta' dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari l-persuni b'diżabbiltjiet***, ir-Roma u dawk qiegħda; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' protezzjoni soċjali xierqa u appoġġ anke għal dawk li jaħdmu għal rashom***;

Or. en

Emenda 103
Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Nikola Bartůšek
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Séverine Werbrouck

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. ***Jappella għal monitoraġġ mill-qrib tal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, kif ukoll*** appoġġ adegwat għall-introjtu u d-dispożizzjoni tas-sigurtà soċjali biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali ***ta' dawk l-aktar imbiegħda mis-suq*** tax-xogħol***, b'mod partikolari l-persuni b'diżabbiltjiet u ta' oriġini Romani***;	13. ***Jirrakkomanda li l-Istati Membri li għad m'għandhomx programm iddedikat jintroduċu*** appoġġ adegwat għall-introjtu u d-dispożizzjoni tas-sigurtà soċjali biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali ***tal-persuni b'diżabbiltajiet fis-suq*** tax-xogħol;

Or. fr

Emenda 104
Isabelle Le Callennec

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għal monitoraġġ mill-qrib tal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, kif ukoll appoġġ adegwat għall-introjtu u d-dispożizzjoni tas-sigurtà soċjali biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali ta' dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol,	13. Jappella għal monitoraġġ mill-qrib tal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, kif ukoll appoġġ adegwat għall-introjtu u d-dispożizzjoni tas-sigurtà soċjali biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali ta' dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol,

b'mod partikolari l-persuni ***b'diżabbiltjiet u ta' oriġini Romani***;	***inklużi*** l-persuni ***b'diżabbiltajiet u minoritajiet***;

Or. fr

Emenda 105
Chiara Gemma, Francesco Torselli, Elena Donazzan, Mariateresa Vivaldini

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iqis li l-ekonomija soċjali hija xprun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-EPSR u l-miri tiegħu, li spiss tipprovdi impjieg lil gruppi vulnerabbli u esklużi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-appoġġ tagħhom għall-intrapriżi kollha tal-ekonomija soċjali, ***speċjalment l-intrapriżi mingħajr skop ta' qligħ,*** sabiex jippromwovu xogħol ta' kwalità, deċenti u inklużiv;	14. Iqis li l-ekonomija soċjali hija xprun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-EPSR u l-miri tiegħu, li spiss tipprovdi impjieg lil gruppi vulnerabbli u esklużi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-appoġġ tagħhom għall-intrapriżi kollha tal-ekonomija soċjali, sabiex jippromwovu xogħol ta' kwalità, deċenti u inklużiv;

Or. en

Emenda 106
Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Nikola Bartůšek
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Séverine Werbrouck

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iqis li l-ekonomija soċjali ***hija xprun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-EPSR u l-miri tiegħu, li spiss tipprovdi*** impjieg lil ***gruppi vulnerabbli u esklużi; jistieden lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri jsaħħu l-appoġġ tagħhom għall-intrapriżi kollha tal-ekonomija soċjali***,*** ***speċjalment l-intrapriżi mingħajr skop ta' qligħ***, sabiex ***jippromwovu*** xogħol ta' kwalità, deċenti u inklużiv;	14. Iqis li l-ekonomija soċjali ***u solidarja tikkontribwixxi għar-rispett tad-drittijiet soċjali tal-ħaddiema għal numru ta' faċilitajiet ta' kura, inklużi dawk jipprovdu*** impjieg lil ***persuni b'diżabbiltajiet; jirrakkomanda*** lill-Istati Membri jsaħħu l-appoġġ tagħhom għall-intrapriżi kollha tal-ekonomija soċjali ***u ta' solidarjetà li jikkontribwixxu għall-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltajiet***,

	sabiex ***jiżguraw*** xogħol ta' kwalità, deċenti u inklużiv;

Or. fr

Emenda 107
Katrin Langensiepen

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***14a. Jinnota li l-potenzjal sħiħ tas-settur tal-ekonomija soċjali biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjoekonomiċi jeħtieġ identifikazzjoni ċara tal-prijoritajiet soċjali mill-awtoritajiet pubbliċi; u l-fornituri tas-servizzi soċjali tal-ewwel linja; jenfasizza li l-proġetti tal-ekonomija soċjali ġeneralment jirrikjedu sħubija mill-qrib ma' entitajiet pubbliċi, u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw, fi ħdan il-qafas ta' governanza makroekonomika pprovdut fil-livell tal-UE, strateġija (ġdida) ta' investiment soċjali li ma tfixkilx l-istrumenti ta' finanzjament eżistenti u fejn il-prijoritajiet soċjali huma identifikati b'mod ċar, f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u li tista' tipprovdi qafas għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali;**

Or. en

Emenda 108
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jenfasizza li l-kisba tal-għanijiet għall-2030 tirrikjedi wkoll l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' governanza tajba bbażati fuq l-istat tad-dritt, istituzzjonijiet responsabbli, regolamentazzjoni effettiva u evitar tal-inċertezza legali;	15. Jenfasizza li l-kisba tal-għanijiet għall-2030 tirrikjedi wkoll l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' governanza tajba bbażati fuq l-istat tad-dritt, istituzzjonijiet responsabbli, regolamentazzjoni effettiva u evitar tal-inċertezza legali; ***jinsab imħasseb li l-aġenda tad-deregolamentazzjoni tal-Kummissjoni tista' ġġib magħha treġġigħ lura tal-istandards soċjali u ambjentali eżistenti u b'hekk tfixkel il-progress tal-Unjoni lejn l-għanijiet tal-2030; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jonoraw l-impenn tagħhom lejn l-għanijiet komuni tal-Unjoni u speċjalment mal-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;***

Or. en

Emenda 109
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jenfasizza li l-kisba tal-għanijiet għall-2030 tirrikjedi wkoll l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' governanza tajba bbażati fuq l-istat tad-dritt, istituzzjonijiet responsabbli, ***regolamentazzjoni*** effettiva u evitar tal-inċertezza legali;	15. Jenfasizza li l-kisba tal-għanijiet għall-2030 tirrikjedi wkoll l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' governanza tajba bbażati fuq l-istat tad-dritt, istituzzjonijiet responsabbli, ***l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar*** effettiva u evitar tal-inċertezza legali; ***jitlob, f'dan ir-rigward, li d-Dikjarazzjoni Politika li tirriżulta mit-Tieni Summit Dinji tinkludi impenji sinifikanti dwar l-avvanz tal-SDGs u l-indirizzar ta' lakuni persistenti fl-iżvilupp soċjali kif ukoll mekkaniżmi b'saħħithom ta' monitoraġġ u rieżami;***

Or. en

Emenda 110

Isabelle Le Callennec

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jenfasizza li l-kisba tal-għanijiet għall-2030 tirrikjedi wkoll l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' governanza tajba bbażati fuq l-istat tad-dritt, istituzzjonijiet ***responsabbli,*** regolamentazzjoni ***effettiva u evitar tal-inċertezza*** legali;	15. Jenfasizza li l-kisba tal-għanijiet għall-2030 tirrikjedi wkoll l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' governanza tajba bbażati fuq l-istat tad-dritt, istituzzjonijiet ***u*** regolamentazzjoni ***filwaqt li tiġi evitata l-inċertezza*** legali***, inkluż għall-pajjiżi kandidati tal-UE***;

Or. fr

Emenda 111
Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Nikola Bartůšek
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Séverine Werbrouck

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jisħaq ukoll li dawn il-prinċipji huma bbażati fuq is-sovranità tal-Istati Membri, inkluż il-ġlieda kontra l-interferenza barranija u fuq il-kondizzjonalità li l-Istati jkollhom il-libertà tal-azzjoni biex jiżguraw id-drittijiet tan-nies tagħhom;

Or. fr

Emenda 112
Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Nikola Bartůšek
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Séverine Werbrouck

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li t-tmexxija fil-qasam tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem issir l-aħjar bl-eżempju, li jinkludi r-rieda li jiġu ratifikati l-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u li jiġu implimentati bis-sħiħ u b'mod effettiv; jinnota li l-impenn globali għad-drittijiet tal-bniedem irid jissaħħaħ ukoll permezz tal-użu ta' opportunitajiet diplomatiċi u ekonomiċi bil-għan li jissaħħaħ l-impenn għall-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll biex oħrajn – bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi u trade unions – ikunu jistgħu jaħdmu liberament lejn il-promozzjoni tal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja; ifakkar li d-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet soċjali jistgħu jiġu promossi b'mod kredibbli biss minn pajjiżi li huma stess jikkonformaw mal-obbligi tagħhom;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 113
Pál Szekeres

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li t-tmexxija fil-qasam tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem issir l-aħjar bl-eżempju, ***li jinkludi*** r-rieda li jiġu ratifikati l-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u li jiġu implimentati bis-sħiħ u b'mod effettiv; jinnota li l-impenn globali għad-drittijiet tal-bniedem irid jissaħħaħ ukoll permezz tal-użu ta' opportunitajiet diplomatiċi u ekonomiċi bil-għan li jissaħħaħ l-impenn għall-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll biex oħrajn – bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi u trade unions – ikunu jistgħu jaħdmu	16. Jenfasizza li t-tmexxija fil-qasam tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem issir l-aħjar bl-eżempju, ***b'mod partikolari l-istituzzjonijiet tal-UE, li tinkludi*** r-rieda li jiġu ratifikati l-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u li jiġu implimentati bis-sħiħ u b'mod effettiv; jinnota li l-impenn globali għad-drittijiet tal-bniedem irid jissaħħaħ ukoll permezz tal-użu ta' opportunitajiet diplomatiċi u ekonomiċi bil-għan li jissaħħaħ l-impenn għall-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll biex oħrajn – bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi u

liberament lejn il-promozzjoni tal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja; ifakkar li d-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet soċjali jistgħu jiġu promossi b'mod kredibbli biss minn pajjiżi li huma stess jikkonformaw mal-obbligi tagħhom;	trade unions ***appoġġjati mill-baġit tal-UE*** – ikunu jistgħu jaħdmu liberament ***u b'mod konformi mat-Trattati*** lejn il-promozzjoni tal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja ***mingħajr ma jiġu preġudikati b'mod serju l-interessi ekonomiċi tal-Unjoni fil-kompetizzjonijiet globali***; ifakkar li d-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet soċjali jistgħu jiġu promossi b'mod kredibbli biss minn pajjiżi li huma stess jikkonformaw mal-obbligi tagħhom;
	Or. en

Emenda 114
Chiara Gemma, Francesco Torselli, Elena Donazzan, Mariateresa Vivaldini

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li t-tmexxija fil-qasam tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem issir l-aħjar bl-eżempju, li jinkludi r-rieda li jiġu ratifikati l-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u li jiġu implimentati bis-sħiħ u b'mod effettiv; jinnota li l-impenn globali għad-drittijiet tal-bniedem irid jissaħħaħ ukoll permezz tal-użu ta' opportunitajiet diplomatiċi u ekonomiċi ***bil-għan li*** jissaħħaħ l-impenn għall-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem ***kif ukoll biex oħrajn – bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi u trade unions – ikunu jistgħu jaħdmu liberament lejn il-promozzjoni tal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja***; ifakkar li d-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet soċjali jistgħu jiġu promossi b'mod kredibbli biss minn pajjiżi li huma stess jikkonformaw mal-obbligi tagħhom;	16. Jenfasizza li t-tmexxija fil-qasam tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem issir l-aħjar bl-eżempju, li jinkludi r-rieda li jiġu ratifikati l-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u li jiġu implimentati bis-sħiħ u b'mod effettiv; jinnota li l-impenn globali għad-drittijiet tal-bniedem irid jissaħħaħ ukoll permezz tal-użu ta' opportunitajiet diplomatiċi u ekonomiċi ***biex*** jissaħħaħ l-impenn għall-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem; ifakkar li d-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet soċjali jistgħu jiġu promossi b'mod kredibbli biss minn pajjiżi li huma stess jikkonformaw mal-obbligi tagħhom;
	Or. en

Emenda 115
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li t-tmexxija fil-qasam tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem issir l-aħjar bl-eżempju, li jinkludi r-rieda li jiġu ratifikati l-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u li jiġu implimentati bis-sħiħ u b'mod effettiv; jinnota li l-impenn globali għad-drittijiet tal-bniedem irid jissaħħaħ ukoll permezz tal-użu ta' opportunitajiet diplomatiċi u ekonomiċi bil-għan li jissaħħaħ l-impenn għall-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll biex oħrajn – bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi u trade unions – ikunu jistgħu jaħdmu liberament lejn il-promozzjoni tal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja; ifakkar li d-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet soċjali jistgħu jiġu promossi b'mod kredibbli biss minn pajjiżi li huma stess jikkonformaw mal-obbligi tagħhom;	16. ***Ifakkar li l-paċi u l-kooperazzjoni globali huma l-kundizzjonijiet fundamentali biex jinkiseb żvilupp sostenibbli, fl-Ewropa u fid-dinja;*** jenfasizza li t-tmexxija fil-qasam tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem issir l-aħjar bl-eżempju, li jinkludi r-rieda li jiġu ratifikati l-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u li jiġu implimentati bis-sħiħ u b'mod effettiv; jinnota li l-impenn globali għad-drittijiet tal-bniedem irid jissaħħaħ ukoll permezz tal-użu ta' opportunitajiet diplomatiċi u ekonomiċi bil-għan li jissaħħaħ l-impenn għall-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll biex oħrajn – bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi u trade unions – ikunu jistgħu jaħdmu liberament lejn il-promozzjoni tal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja; ifakkar li d-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet soċjali jistgħu jiġu promossi b'mod kredibbli biss minn pajjiżi li huma stess jikkonformaw mal-obbligi tagħhom;

Or. en

Emenda 116
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li ***t-tmexxija*** fil-qasam tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem ***issir l-aħjar bl-eżempju, li jinkludi r-rieda li jiġu ratifikati*** l-istrumenti internazzjonali	16. Jenfasizza li ***l-UE jrid ikollha rwol ewlieni*** fil-qasam tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem ***billi timplimenta b'mod sħiħ u effettiv*** l-

tad-drittijiet tal-bniedem***, u li jiġu implimentati bis-sħiħ u b'mod effettiv***; jinnota li l-impenn globali ***għad-drittijiet*** tal-bniedem irid jissaħħaħ ukoll permezz tal-użu ta' opportunitajiet diplomatiċi u ekonomiċi ***bil-għan li jissaħħaħ l-impenn għall-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem*** kif ukoll biex oħrajn – bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi u trade unions – ikunu jistgħu jaħdmu liberament lejn il-promozzjoni tal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja; ifakkar li d-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet soċjali jistgħu jiġu promossi b'mod kredibbli biss minn pajjiżi li huma stess jikkonformaw mal-obbligi tagħhom;	istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem; jinnota li l-impenn globali ***għall-istrumenti tad-drittijiet*** tal-bniedem irid jissaħħaħ ukoll permezz tal-użu ta' opportunitajiet diplomatiċi u ekonomiċi kif ukoll biex oħrajn – bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi u trade unions – ikunu jistgħu jaħdmu liberament lejn il-promozzjoni tal-istandards ***soċjali u*** tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja; ifakkar li d-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet soċjali jistgħu jiġu promossi b'mod kredibbli biss minn pajjiżi li huma stess jikkonformaw mal-obbligi tagħhom;
	Or. en

Emenda 117
Katrin Langensiepen

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jenfasizza li l-inizjattivi mmirati biex jistimulaw it-tkabbir ekonomiku ma jistgħux isiru għad-detriment tal-ġustizzja soċjali, tad-drittijiet tax-xogħol jew tal-protezzjoni ambjentali; jistieden lill-UE tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv fl-adozzjoni tat-Trattat dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU biex tirregola l-attivitajiet ta' korporazzjonijiet tranżnazzjonali u intrapriżi kummerċjali oħra u biex tippermetti lill-vittmi jitolbu rimedju;
	Or. en

Emenda 118
Li Andersson

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jsir proċess ta’ rieżami bir-reqqa fuq bażi regolari biex jiġi vvalutat il-progress, jiġu identifikati l-lakuni u jiġġeddu l-impenji; jistieden lill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) biex taġixxi bħala l-korp ewlieni ta’ segwitu għall-impenji għall-iżvilupp soċjali u għat-tishiħ tar-rwol tagħha fil-proċess ta’ rieżami.

Or. en

Emenda 119
Marie Dauchy, Mélanie Disdier
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Séverine Werbrouck

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jistieden lin-NU tiżgura rispett sħiħ għad-drittijiet tax-xogħol u dawk soċjali fil-pajjiżi ospitanti tas-summits soċjali; ***jappella, għalhekk, għal azzjoni aktar deċiżiva bil-għan li nagħmlu l-almu tagħna kollu biex nilħqu l-miri ewlenin tal-UE u l-SDGs madwar l-UE sal-2030 u biex jittieħdu aktar azzjonijiet li jiżguraw li l-SDGs jintlaħqu madwar id-dinja;***	17. Jistieden lin-NU tiżgura rispett sħiħ għad-drittijiet tax-xogħol u dawk soċjali fil-pajjiżi ospitanti tas-summits soċjali;

Or. fr

Emenda 120
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jistieden ***lin-NU tiżgura rispett sħiħ għad-drittijiet*** tax-xogħol u dawk soċjali ***fil-pajjiżi ospitanti tas-summits*** soċjali; jappella, għalhekk, għal ***azzjoni*** aktar ***deċiżiva bil-għan li nagħmlu l-almu tagħna kollu biex nilħqu l-miri ewlenin tal-UE u l-SDGs madwar l-UE sal-2030 u biex jittieħdu aktar azzjonijiet li jiżguraw li l-SDGs jintlaħqu madwar id-dinja***;	17. Jistieden ***lin-Nazzjonijiet Uniti u lill-pajjiżi parteċipanti kollha jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet*** tax-xogħol u dawk soċjali***, anki billi jirratifikaw il-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO, jirrispettaw l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u jimpenjaw ruħhom għall-valuri tad-Dikjarazzjoni*** Soċjali; jappella, għalhekk, għal ***allinjament globali*** aktar ***b'saħħtu mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u d-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' impenn imġedded għall-kisba kemm tal-miri soċjali tal-UE kif ukoll tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli sal-2030, fl-Ewropa u fid-dinja***;
	Or. en

Emenda 121
Jana Toom, Irena Joveva, Hristo Petrov

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jistieden lin-NU tiżgura rispett sħiħ għad-drittijiet tax-xogħol u dawk soċjali fil-pajjiżi ospitanti tas-summits soċjali; jappella, għalhekk, għal azzjoni aktar deċiżiva bil-għan li nagħmlu l-almu tagħna kollu biex nilħqu l-miri ewlenin tal-UE u l-SDGs madwar l-UE sal-2030 u biex jittieħdu aktar azzjonijiet li jiżguraw li l-SDGs jintlaħqu madwar id-dinja;	17. Jistieden lin-NU tiżgura rispett sħiħ għad-drittijiet tax-xogħol u dawk soċjali ***fl-Istati Membri kollha u b'mod partikolari*** fil-pajjiżi ospitanti tas-summits soċjali; jappella, għalhekk, għal azzjoni aktar deċiżiva bil-għan li nagħmlu l-almu tagħna kollu biex nilħqu l-miri ewlenin tal-UE u l-SDGs madwar l-UE sal-2030 u biex jittieħdu aktar azzjonijiet li jiżguraw li l-SDGs jintlaħqu madwar id-dinja;
	Or. en

Emenda 122
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-UE tappoġġja t-tranżizzjoni globali minn impjieg informali għal impjieg formali, f’konformità mar-Rakkomandazzjoni 204 tal-ILO, billi tippromwovi standards tax-xogħol ekwi, xogħol deċenti, u aċċess għall-protezzjoni soċjali; jinkoraġġixxi l-integrazzjoni ta’ dan l-għan fil-politiki tal-UE dwar l-iżvilupp, il-kummerċ u l-azzjoni esterna;

Or. en

Emenda 123
Estelle Ceulemans, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Jistieden lin-NU tistabbilixxi qafas ta’ segwitu robust għas-Summit Soċjali Dinji, inklużi dikjarazzjonijiet ministerjali biennali u strutturi ta’ monitoraġġ imsaħħa; jappoġġja r-rivitalizzazzjoni tal-Kummissjoni tan-NU għall-Iżvilupp Soċjali u involviment akbar tal-ministeri tax-xogħol u s-sħab soċjali;

Or. en